PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2008/2144(INI)

8.10.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija bit-tfal (2008/2144(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lissy Gröner

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota bi tħassib iż-żieda fid-distribuzzjoni tal-pornografija bit-tfal permezz tal-Internet, li tinvolvi tfal dejjem iżgħar; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-imblukkar tal-aċċess għall-websajts tal-pornografija tat-tfal obbligu li jorbot legalment, sabiex il-kumpaniji li jipprovdu l-aċċess għall-Internet ikunu obbligati li jimblukkaw websajts kriminali bħal dawn;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-qafas tal-koperazzjoni internazzjonali, issaħħaħ l-isforzi għall-iffiltrar u l-għeluq ta' websajts li juru l-pornografija bit-tfal;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrappurtaw dwar is-sitwazzjoni attwali rigward id-djalogu mal-partijiet interessati dwar l-għeluq ta' websajts illegali; jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika t-taħditiet mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet interessati sabiex tinbena strateġija integrata bl-għan li jingħalqu websajts bħal dawn;

4. Jenfasizza b'mod partikulari l-ħtieġa li jkunu żviluppati kampanji biex iqajjmu kuxjenza fost il-ġenituri u ż-żgħażagħ rigward il-perikli tal-pornografija bit-tfal fuq l-Internet u b'mod speċjali dwar ir-riskju tal-isfruttament sesswali fiċ-chat rooms u l-fora; jifraħ lill-Istati Membri li diġà nedew kampanji bħal dawn;

5. Ifaħħar lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) Ewropej li diġà żviluppaw kampanji mmirati lejn il-ġenituri u t-tfal;

6. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu appoġġ xieraq lill-vittmi u lill-familji tagħhom, u biex jinfurmaw b'mod preċiż lill-Kummissjoni dwar liema miżuri ttieħdu għal dak il-għan, b'mod partikulari rigward l-appoġġ lingwistiku, il-pariri legali u psikosoċjali, permessi ta' residenza speċjali mogħtija u għajnuna fi proċedimenti kriminali;

7. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-ħarsien tat-tfal abbużati minn membri tal-familji tagħhom;

8. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrappurtaw fid-dettall dwar is-sitwazzjoni tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari jekk il-koperazzjoni mal-NGOs hija prevista mil-liġi jew fil-prattika;

9. Jistieden lill-EUROPOL biex twaqqaf unità speċjali li tittratta l-pornografija bit-tfal u l-prostituzzjoni tat-tfal, li tkun magħmula minn esperti mħarrġa fi kwistjonijiet speċifiċi għall-ġeneru, u bl-għan li tikkopera mal-Virtual Global Taskforce (VGT); jistieden koperazzjoni mill-qrib bejn din l-unità speċifika u l-awtoritajiet tal-pulizija fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi b'kompetenza fil-qasam tal-pornografija bit-tfal u l-prostituzzjoni tat-tfal, u b'hekk jistabbilixxi netwerk transnazzjonali sabiex jittratta dawn il-kwistjonijiet;

10. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrappurtaw dwar xi jsir mill-beni kkonfiskati fil-kuntest

ta' każ bil-provi ta' prostituzzjoni tat-tfal jew pornografija bit-tfal;

11. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrevedu d-dispożizzjonijiet proċedurali tagħhom dwar il-ġurisdizzjoni u l-kwistjoni ta' extraterritorjalità sabiex jiżguraw li min ikun wettaq dawn ir-reati ma jaħrabx mill-ġustizzja; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex jaqsmu bejniethon l-informazzjoni rilevanti;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koperazzjoni mal-Istati Membri u l-korpi internazzjonali rilevanti, tippreżenta studji regolari li janalizzaw dejta separata skont il-ġeneri, b'enfasi partikulari fuq:

- minn fejn ikunu ġejjin il-vittmi;
- l-ambjent soċjali u tal-familja;
- ir-rabtiet possibbli mat-traffikar internazzjonali;
- l-irwol tal-familja f'każijiet ta' prostituzzjoni u ta' pornografija li jinvolvu t-tfal;
- każijiet b'vittmi multipli;
- riklami għall-impjieg, speċjalment fil-qasam tas-servizzi, immirati lejn tfajliet minorenni;

13. Jistieden lill-Istati Membri biex jiċċekkjaw jekk il-liġijiet tagħhom dwar il-ħarsien tat-tfal għadhomx jiżguraw protezzjoni xierqa kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u ż-żgħażagħ, fid-dawl tal-frekwenza dejjem tiżdied tal-isfruttament sesswali u l-fastidju fil-midja u t-teknoloġiji ta' komunikazzjoni l-ġodda u t-tendenza ġenerali ta' sesswalizzazzjoni tat-tfal u żgħażagħ;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa ħtiġijiet ulterjuri f'termini ta' ħarsien tal-vittma u tal-familja tagħha, b'mod li jqis ukoll forom alternattivi ta' familja.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	7.10.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Emine Bozkurt, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Claire Gibault, Lissy Gröner, Zita Gurmai, Esther Herranz García, Anneli Jäätteenmäki, Lívia Járóka, Piia-Noora Kauppi, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Roselyne Lefrançois, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Christa Prets, Teresa Riera Madurell, Raül Romeva i Rueda, Eva-Britt Svensson, Britta Thomsen, Anne Van Lancker, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mary Honeyball, Marusya Ivanova Lyubcheva, Maria Petre, Petya Stavreva